MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF
ABIGAIL LOFARO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014

Numru 28/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Norman Bezzina**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fl-1 ta' Diċembru 2003 kontra l-imsemmi Norman Bezzina li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużah talli (1) assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jitraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-

disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; (2) importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokaina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) u cioe` meta ma kellux liċenzja jew awtoriżżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oggett; (3) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu ebda awtoriżżazzjoni u permess bl- imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza, u b'dan, li l-pussess kien wieħed taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklużiv tal-ħati;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-9 ta' Ottubru 2010 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih, b'seba' (7) voti favur u b' żewġ voti (2) kontra sabu lill-akkużat Norman Bezzina ħati skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża u b'sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra sabuh ukoll ħati skond it-Tieni u t-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuża, iddikjarat lill-imsemmi Norman Bezzina ħati talli:

(1) għall-ħabta tal-bidu tas-sena elfejn u wieħed, assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegħ jew jitraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża;

(2) lejn l-aħħar ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed, importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tigi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) u cioe` meta ma kellux liċenzja jew awtoriżżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;

(3) bejn il-31 ta' Marzu u t-23 t'April, tas-sena elfejn u wieħed, kellu pussess tal-mediċina perikoluża kokajina bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza; b'dan li l-pussess kien wieħed taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklużiv tal-ħati, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 2(1), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(b)(i)(ii)(aa)(bb)(3A)(c)(d), 22(f) u 26(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (G.N. 292/39) u fl-Artikoli 17(b), 17(h), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati Norman Bezzina għall-piena ta' tmintax (18) il-sena priġunerija, u għall-multa komplessiva ta' erbgħin elf euro (€40,000) li jekk ma titħallasx puntwalment, tiġi konvertita f'terminu ta' sena priġunerija, kif ukoll li jħallas is-somma ta' sitt elef, tliet mija u tlieta u disgħin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€6,393.45) import ta' l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u mmobbli oħra tal-ħati. Inoltre ordnat li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi. Fl-aħħarnett, peress illi hemm proċeduri oħra pendenti quddiem dawn il-Qrati in konnessjoni ma dan il-każ, ordnat li l-esebiti kollha jiġu priservati u kustoditi mir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali għal eventwali użu skond il-każ;

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet għal din id-deċiżjoni wara li rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti, u eżaminata mid-difiża, u wara li kkunsidrat is-segwenti:

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Emanuel Mallia, li jinsabu kollha registrati w senjatament, is-segwenti:-**

**“Illi l-Qorti hi mistiedna tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li dwar ir-reat ta’ assocjazzjoni ma giex indikat jekk dan japplikax ghall-ewwel jew it-tieni konsenja u din il-mankanza fl-Att tal-Akkuza ghandha tirrifletti fuq l-ghoti tal-piena.**

**“Terga’ l-hati ghandu fedina penali kwazi netta u dan ir-reat ghandu jitqies bhala l-ewwel wiehed tal-hati.**

**“Id-difiza argumentat ukoll li stennijja ta’ ghaxar snin sabiex isir il-guri hi piena fiha nnifisha ghax hajjet il-hati tkun qiesa “on hold” u ma jistax jippjana l-futur la ghalih u lanqas ghal familja li tiddependi minnu u jrid jghix bl-incertezzi assocjati mal-fatt li ma jafx x’ser isir minnu.**

**“Saret referenza ghal kaz ta’ Simon Xuereb li l-kaz tieghu kien abbinat ma’ dak ta’ Norman Bezzina fejn wara patteggjament il-kaz ta’ Xuereb gie trasferit mill-Qorti Kriminali ghal dik tal-Magistrati fejn il-massimu tal-piena hija hafna u hafna anqas minn dik tal-Qorti Kriminali u nghata piena ta’ 9 snin.**

**“Fl-ahhar id-difiza gibdet ukoll l-attenzjoni tal-Qorti illi l-verdett ma kienx unanimu u votazzjoni ta’ 7 bi 2 fuq l-ewwel kap u 6 bi 3 fuq iz-zewg kapi l-ohra huwa l-minimu ghal verdett legali li juri certu titubanza fost il-gurija fid-deliberazzjonijiet taghhom dwar il-htija.**

**“Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja w cioe` illi l-Qorti ghandha tqis l-ammont ta’ droga mpurtata, il-mod u s-serjeta` tal-kaz jimmerita piena karcerarja. Il-hati ma invokax favur tieghu ammissjoni bikrija anzi kkontesta dan il-kaz sa l-ahhar bil-mezzi kollha li taghtih il-ligi u ghalhekk la ghandu jibbenefika minn tal-ammissjoni u l-anqas l-artikolu 29 tal-Kap. 101.**

**“L-abbli prosekutur ta gwida lill-Qorti b’diversi kazi ricenti fejn gew inflitti certi parametri ta’ pieni fl-ambitu tar-reati postolati f’dan il-kaz u stieden il-Qorti**

**sabiex tinflitti piena proporzjonata ghad-droga li nstabet.**

**“Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess ir-reat dedott taht it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza w ghalhekk, ghall-fini tal-konkors tal-pieni, ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (Ara Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mansour Muftah Nagem” [31.10.2002] u “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag” [15.05.2003] u ohrajn).**

**“Qieset li l-piena ghar-reat ta’ pussess ta’ kokajina, taħt tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu meta l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti hija ta’ prigunerija ghall-ghomor u l-multa relattiva ta’ mhux inqas minn €2329.37 izda mhux izjed minn €116,468.67, izda meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, kif ukoll meta l-Qorti tkun tal-fehma li l-kwantita` tal-medicina involuta fir-reat u c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-piena ta’ prigunerija ghal dik ta’ ghomor ma tkunx dik xierqa, il-persuna misjuba hatja tkun suggetta ghall-piena ta’ prigunerija ghall-zmien ta’ mhux inqas minn erba’ snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn Euro 2,329.37 izda mhux izjed minn Euro 116,468.67.**

**“Illi fi sforz biex kemm jista’ jkun izzomm relativita` ma’ sentenzi ohra taghha fejn il-kwalita` tad-droga kienet l-istess u fejn il-kwantita` taghha kienet piu` o meno simili w fejn instabet htija mill-gurija w ma kienx applikabbli l-artikolu 29, il-Qorti thoss li l-piena f’dan il-kaz ghandha tkun ikkalibrata fuq il-bazi tas-sentenzi l-ohra taghha.”**

**5.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Norman Bezzina ppreżentat fit-28 ta’ Ottubru 2010 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull piena u ħtija skond il-liġi, u f’każ li tikkonferma s-sentenza appellata u tinstab ħtija, li tvarja u timmodifika s-sentenza għal dik li hi piena u tinfliġġi piena

anqas u ekwa skond il-każ; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta' l-appellant huma dawn: (1) li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi li kellha influwenza fuq il-verdett; (2) li kien hemm irregolaritajiet matul il-kawża li kellhom influwenza fuq il-verdett u li kkostitwew applikazzjoni u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi; (3) li ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-każ; (4) li, mingħajr preġudizzju għall-premess, il-piena hija eċċessiva. Għall-aħjar istruzzjoni ta' din is-sentenza, il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li jiġu trattati l-aggravji ta' l-appellant fl-istess ordni li ngħataw fir-rikors ta' appell.

**7.** L-appellant jibda[1] biex jissottometti illi fl-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata dwar l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**8.** L-appellant jgħid illi fl-indirizz tiegħu l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri rrefera għall-artikolu 639(3) kif kien qabel ma ġie emendat fl-2006. Filwaqt illi dan is-subartikolu kien qabel jipprovdi illi x-xiehda tal-kompliċi waħedha mhijiex biżżejjed biex akkużat jiġi misjub ħati sakemm mhux korroborata b'ċirkostanzi oħra, bis-saħħa ta' l-Att XVI tas-sena 2006, is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodiċi Kriminali ġie sostitwit u llum jaqra kif ġej:

**"Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat."**

**9.** L-imsemmi subartikolu (3) kif inhu llum ġie fis-seħħ fit-3 ta' Ottubru 2006 bis-saħħa ta' l-Avviż Legali 231 tas-sena 2006. Għalkemm din l-emenda ġiet fis-seħħ ferm wara d-data meta ġew kommessi r-reati addebitati lill-appellant, hija tifforma parti mid-dritt proċedurali u għaldaqstant

[1] 2.1 fir-rikors ta' appell.

mhuwiex applikabbli l-prinċipju tan-non-retroattivita`. Konsegwentement, kienet applikabbli meta ġie ċelebrat il-ġuri in kwistjoni. Bħalma ġie ritenut f'**Ir-Repubbblika ta' Malta v. Mahmud Ali Amber**, deċiż minn din il-Qorti diversament komposta fis-17 ta' Mejju 2007:

"Issa, kif kien gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. George Faenza et** deciz fis-7 ta' Jannar 2005:

**"'Ferm qabel ma kellna l-Kostituzzjoni ta' l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma' Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, izda wkoll il-principju *nullum crimen, nulla poena sine lege* li minnu titnissel ir-regola konkomitanti tan-non-retroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-principju llum jinsab kristallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[2] kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea[3]. Kif jispjegaw Ben Emmerson u Andrew Ashworth fil-ktieb taghhom *Human Rights and Criminal Justice* [4]:**

***"'There are thus two closely connected principles underlying Article 7. The first is that the substantive criminal law should be sufficiently accessible and precise to enable an individual to know in advance whether his conduct is criminal; and the second is that developments of the criminal law by the courts (whether through the interpretation of statutory offences, or the development of common law***

---

[2] 39(8): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew omissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda piena ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."

[3] 7(1): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar." Is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 7 jipprovdi ghal eccezzjoni li mhix relevanti ghall-kaz in dizamina.

[4] Sweet & Maxwell (London), 2001.

***offences) must be kept within the bounds of what is reasonably foreseeable."*** [5]

**"Huwa car, ghalhekk, li l-principju tan-non-retroattivita` japplika biss ghad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll ghal dak procedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga` l-okkazzjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li giet dejjem segwita hi li, bhala regola, id-dritt procedurali huwa ta' applikazzjoni immedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proceduri li jkunu diga` gew istitwiti qabel il-bidu fis-sehh tal-"procedura" gdida – ara, fost ohrajn, tnejn mis-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-appellant Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta' din il-Qorti, kollegjalment komposta, tal-24 ta' Jannar, 1989 fl-ismijiet *The Republic of Malta v. Ravi Ramani* u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 1992 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri*. Jinghad "bhala regola" ghax ma huwiex eskluz li jista' jkun hemm materji, apparentement procedurali, izda li tant direttament jincidu fuq jekk att jew ommissjoni jammontawx jew le ghal reat jew fuq il-punibbilita` ta' dak l-att jew ta' dik l-ommissjoni, li ghalihom ikun effettivament applikabbli wkoll il-principju tan-non-retroattivita`."**

"M'hemm l-ebda dubju li s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali jifforma parti mid-dritt procedurali u ghaldaqstant mhuwiex applikabbli l-principju tan-non-retroattivita`. Konsegwentement, anke fir-rigward ta' reati li sehhew qabel it-3 ta' Ottubru 2006, fejn l-uniku xhud kontra akkuzat huwa komplici, illum l-Imhallef li jippresjedi l-guri ghandu jaghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda tal-komplici b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha. Naturalment l-istess jghodd ghall-Qrati tal-Magistrati, fis-sens li l-korroborazzjoni mhix mehtiega aktar izda l-gudikant ghandu jipprocedi b'dik il-kawtela li l-kaz ikun jirrikjedi tenut kont tal-fatt li l-uniku xhud kontra l-akkuzat ikun il-komplici li jista' jkollu interess aktar minn haddiehor li jfarfar minn fuq spallejh ghal fuq spallejn l-akkuzat."

---

[5] P. 282, para. 10-05.

**8.** Jiġifieri fl-indirizz tiegħu l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kellu semmai jirreferi għall-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali kif ġie sostitwit bl-Att XVI tas-sena 2006. L-appellant jgħid illi bin-nuqqas imsemmi, il-ġurati kienu qegħdin jiġu indirizzati fis-sens illi "d-difiża fl-argumentazzjoni tagħha ssottomettitilhom prinċipju legali li fil-fatt ma jeżistix. Hawnhekk għalhekk il-ġurija kellha kull raġuni tasal għall-konklużjoni illi b'dak li kien qiegħed jindirizzahom fl-arringa tiegħu l-avukat difensur, jew kien żball ġenwin da parti tiegħu jew inkella ried jiżvijahom. Jekk il-ġurija interpretat li dan kien żball ġenwin, allura f'għajnejn il-ġurija, id-difiża fl-argumentazzjoni fattwali u legali fl-arringa u l-kontro-replika setgħet kienet żbaljata f'partijiet oħra. Jekk waslu għall-konklużjoni li allura d-difiża kienet qed tiżvijahom, fi kliem vulgari, qed tgħaddihom biż-żmien, allura ma setgħux jieħdu lid-difiża bis-serjeta` dwar it-trattazzjoni tagħha sew dwar punti ta' liġi oħra, u sew dwar sottomissjonijiet u argumentazzjonijiet dwar il-fatti." Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn huma biss konġetturi peress illi, nonostante l-iżball imsemmi, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri mhux talli ma ċaħadx dak li kienet qalet id-difiża iżda saħansitra kkonfermah meta qal:

**"F'dan il-każ id-difiża għamlitilkom referenza għal dawn l-erba' kelmiet, u jekk ix-xiehda hijiex imsaħħa minn xiehda oħra. U spjegatilkom illi fil-każ ta' kompliċi tridu toqogħdu attenti għal dik ix-xiehda peress illi l-kompliċi jkollu interess li b'xi mod jew ieħor idawwar ir-responsabbiltajiet. Allura tridu toqogħdu attenti li dik ix-xiehda kif inhi ma toħduhiex mingħajr dawk il-kawteli li ġew riferiti lilkom."**

**9.** Huwa minnu illi f'dan il-punt l-Imħallef sedenti jkompli billi jagħmel referenza għall-artikolu 639(3) kif kien oriġinarjament:

**"Hu veru li l-liġi tgħid li fil-każ ta' kompliċi xhud irid ikun korroborat. Fil-fatt l-artikolu 639 ta' l-istess Kodiċi, sub-section (3), meta xhud ikun il-kompliċi u x-xiehda tiegħu ma tkunx biżżejjed korroborata b'ċirkostanzi oħra, ix-xiehda ta' dan ix-xhud waħdu**

**ma tkunx biżżejjed biex l-akkużat jiġi misjub ħati. Kwindi dan l-artikolu qed jagħti din il-gwida li fil-każ ta' kompliċi jekk ix-xiehda tiegħu ma tkunx korroborata minn ċirkostanzi oħra x-xiehda tiegħu waħdu mhijiex biżżejjed. Din hija r-regola ġenerali."**

**10.** Imbagħad ikompli hekk:

**"Pero` taħt il-Kapitolu 101 li huwa l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi hemm artikolu ieħor, li wkoll jagħti gwida għal x'hiex kif għandek tikkunsidra xhud ta' kompliċi f'każijiet ta' drogi, mhux f'każijiet oħra. U l-artikolu 30 jgħidlek li x-xiehda ta' dik il-persuna fi proċediment kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra. Issa tgħiduli int l-ewwel għidtilna mod u issa qed tgħidilna ieħor. Veru. Pero` jiena nista' niggwidakom u ngħidilkom illi f'dan il-każ huwa dan l-artikolu, din l-Ordinanza tal-Mediċini Perikolużi li għandha tapplika. L-oħra hija parti mil-liġi ġenerali, hija parti mil-liġi kriminali. Din hija liġi speċjali u bħala liġi speċjali tirbaħ fuq dik ġenerali.**

**"In suċċint dan ifisser illi jekk intom temmnu d-deposizzjoni ta' Simon Xuereb mingħajr korroborazzjoni, mingħajr ix-xiehda l-oħra, jekk intom temmnuh, dak huwa biżżejjed sabiex issibu ħtija għax għandkom il-konfort ta' dan l-artikolu li fil-każ tad-drogi jgħidlek ċar u tond illi x-xiehda ta' persuna m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra."**

**11.** Jiġifieri d-direzzjoni li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ta lill-ġurati kien li kellhom jagħtu każ l-artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ciononostante, wara *break* qasir li fih jidher illi d-difiża attirat l-attenzjoni ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri għat-tibdil li kien sar fl-artikolu 639(3) u għall-interpretazzjoni ta' l-artikolu 30, l-Imħallef indirizza lill-ġurati b'dan il-mod:

**“Kont qed ngħidilkom rigward il-korroborazzjoni. Fil-fatt m’għandi xejn x’inżidilkom għal dak li għidt ħlief illi oqogħdu attenti meta tiġu għax-xiehda tal-kompliċi, illi tikkunsidraw b’ċertu kawtela, tikkunsidraw bil-kawtela dak illi jingħad.”**

**12.** L-appellant jilmenta illi anke fir-rigward ta’ l-artikolu 30 tal-Kap. 101 kien hemm applikazzjoni u interpretazzjoni skorretta tal-liġi. Jgħid li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma qarax l-artikolu kollu lill-ġurati. Jgħid illi dak l-artikolu ma jirrigwardax l-każijiet kollha tad-droga, iżda l-każijiet ta’ “meta persuna tkun xtrat jew xort’oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza”. Għalhekk, isostni l-appellant, dak l-artikolu ma kienx intiż għal delitti ta’ assoċjazzjoni, importazzjoni jew pussess ta’ droga, iżda għat-traffikar. Konsegwentement, jgħid l-appellant, huwa l-artikolu 639(3) li japplika għar-reati li bihom ġie akkużat l-appellant.

**13.** L-artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta jipprovdi: **“Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 639 tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort’oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza, ix-xiehda ta’ dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m’għandhiex għalfejn tkun korroborata b’ċirkostanzi ohra.”**

**14.** L-ewwelnett jiġi osservat illi l-kliem **“Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 639 tal-Kodiċi Kriminali”** (fit-test Ingliż: “Notwithstanding the provisions of article 639(3) of the Criminal Code”) ifissru illi l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali ma japplikax fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 30 tal-Kap. 101, iżda japplika l-imsemmi artikolu 30. Iċ-ċirkostanzi mbagħad huma dawk speċifikament imsemmija f’dan l-artikolu, cioe` li x-xhud irid ikun xtara, xort’oħra kiseb jew akkwista mediċina perikoluża mingħand l-akkużat. Għalhekk fil-każ odjern, sakemm ma jirriżultax mill-provi illi l-appellant biegħ, jew b’xi mod wassal biex ix-xhieda prinċipali tal-

prosekuzzjoni jiksbu jew jakkwistaw il-kokaina, dan l-artikolu ma japplikax u jkun applikabbli l-artikolu 639(3) kif mibdul. Bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio Barbara** moghtija fis-17 ta' Jannar 2008, il-fatt li x-xiehda tal-komplici issa ma tirrikjedix il-korroborazzjoni li qabel kienet rikjesta, **"jitfa' responsabbilta` kbira fuq il-Qorti jew, fil-każ ta' ġuri, fuq il-ġurati, li jeżaminaw sew u bid-dettal id-deposizzjoni ta' tali xhud u ta' xiehda u provi oħra biex jaraw jekk għandux jitwemmen, u jekk jitwemmen m'hemm l-ebda ħtieġa ta' korroborazzjoni."** Dan irid jiġi spjegat f'termini ċari lill-ġurati mill-Imħallef li jippresjedi l-ġuri.

**15.** Iżda, fil-każ in eżami, ma jidhirx illi Simon Xuereb kien l-uniku xhud kontra l-appellant. Inoltre fil-posizzjoni odjerna l-liġi ġenerali ukoll ma tirrikjedix li jkun hemm korroborazzjoni tax-xiehda tal-kompliċi. Imbagħad, mill-brani riportati ta' l-indirizz jirriżulta li kien hemm (1) konferma mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ta' dak li kienet qalet id-difiża f'dar-rigward, (2) il-*proviso* li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri għamel fir-rigward ta' Simon Xuereb: "jekk intom temmnuh" u (3) l-avvertiment finali: "oqogħdu attenti meta tiġu għax-xiehda tal-kompliċi, illi tikkunsidraw b'ċertu kawtela, tikkunsidraw bil-kawtela dak illi jingħad". Għalhekk, din il-Qorti mhijiex tal-fehma illi r-referenza erroneja li għamel l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri għall-artikolu 639(3) kif kien preċedentement setgħet b'xi mod tinfluwenza l-verdett tal-ġuri. Fi kwalunkwe każ, fl-eżerċizzju li għamlet din il-Qorti tal-provi, hija użat il-kawtela meħtieġa.

**16.** L-appellant jilmenta[6] wkoll dwar il-mod kif l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ndirizza lill-ġurati dwar l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jilmenta li ma ngħatatx il-vera portata u sinifikat tiegħu; li dan l-artikolu tpoġġa quddiem il-ġurati għaliex għamlet referenza għalih id-difiża; li meta l-Imħallef ta xi spjegazzjoni dwar il-kliem "l-imġieba, kondotta u karattru ta' xhud", anke kkummenta li wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni l-IQ tal-persuna – kumment li

[6] Numru 2.2 fir-rikors ta' appell.

ovvjament jirreferi għal Simon Xuereb li ddeskriva lilu nnifsu bħala llitterat u injorant; li f'dan l-istadju jmissu aċċenna għall-fatt illi huma x-xhieda tal-prosekuzzjoni illi jridu jwasslu għal konvinċiment morali; li meta sar il-kumment li "l-inkonsistenzi jeżistu kullimkien anke meta tara d-deposizzjoni ta' l-imputat u mqabbla ma' deposizzjonijiet oħra li saru qabel", irrenda fix-xejn l-arringa tad-difiża li elenkat għexieren ta' inkonsistenzi rigwardanti x-xhieda tal-prosekuzzjoni Simon Xuereb u Emanuel Gauci. Skond l-appellant "l-Ewwel Qorti tat stampa simplistika fejn għaliha għalkemm jeżisti dan l-artikolu, pero` l-importanti hu illi l-prosekuzzjoni tkun waslet għal xi forma ta' stampa".

**17.** Huwa minnu illi fil-każ in eżami l-ispjegazzjoni li ta l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien wieħed bażiku. Iżda, bħalma qal Lord Hailsham, L.C. f'*R. v. Lawrence* [1982] A.C. 510 at 519, H.L. (**Archbold**, *op. cit.*, para. 4-368, p. 460): "**The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case…. A direction to a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case."** Barra minn hekk, m'hemm xejn irregolari fil-fatt illi l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri semma li kien hemm anke inkonsistenzi f'dak li qal l-appellant. Kif qal Simon Brown, L.J. f'***R. v. Nelson*** [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f'**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003**, p. 464 para. 4-376): **"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers**

**of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality?"**

**18.** Fl-aħħar mill-aħħar, bħalma qal Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (Archbold Criminal Pleading Evidence and Practice 2003, para. 7-53 p. 936): **"This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice."**

**19.** Konsegwentement din il-Qorti qed tiċħad l-ilment ta' l-appellant li kien hemm applikazzjoni u interpretazzjoni skorretta tal-liġi fir-rigward ta' l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

**20.** L-appellant ikompli[7] jilmenta li fl-indirizz dwar il-preżunzjoni ta' l-innoċenza ntqal ftit li xejn; li dwar il-prinċipju ta' min jakkuża jrid jipprova lanqas ma ġie espressament indikat illi l-prosekuzzjoni riedet tipprova l-elementi tad-delitti kollha addebitati kontra tiegħu, u l-elementi ġew ikkunsidrati għall-aħħar ta' l-indirizz; li l-eżempju li ta l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri dwar il-pittura ta' Caravaggio seta' jiżvija lill-ġurati, għax l-eżerċizzju korrett hu analiżi akkurat u bir-reqqa ta' l-assjem tal-provi li jikkomponu l-istampa; li l-użu tal-kelma ċertezza waħedha bħala l-grad mhux rikjest għall-prosekuzzjoni, seta' wassal biex il-ġurati jifhmu illi l-frażi mingħajr dubju dettat mir-raġuni mhijiex ekwivalenti għal ċertezza morali.

**21.** Din il-Qorti tirreferi mill-ewwel għal dak li ntqal fil-paragrafu 18 ta' din is-sentenza u tagħmel ukoll is-segwenti osservazzjonijiet. Dwar il-preżunzjoni ta' l-innoċenza spjega dak li kien neċessarju.[8] M'hemm l-ebda

---

[7] Numru 2.3 fir-rikors ta' appell.
[8] Paġna 403 tat-traskrizzjonijiet.

regola dwar f'liema stadju ta' l-indirizz il-ġudikant għandu jirreferi għad-delitti li bihom persuna tkun akkużata u l-elementi li jikkostitwixxu dawk id-delitti. M'hemm l-ebda formula li trid tiġi segwita servilment ta' kif il-ġurati għandhom jiġu ndirizzati dwar il-grad ta' prova li l-prosekuzzjoni għandha tilħaq biex tista' tinsab il-ħtija u dwar il-grad ta' prova appartenenti lid-difiża. Inoltre l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, meta ta l-eżempju tal-Caravaggio, kompla biex jgħid illi "kif spjegalkom ukoll tajjeb l-avukat difensur, huwa l-assjem tal-provi li nġabu quddiemkom li jridu jwasslukom għal deċiżjoni ta' ħtija biss jekk tkunu kuntenti li dan kien mingħajr dubju dettat mir-raġuni". Fl-aħħarnett, diffiċilment tista' tikkonkludi din il-Qorti li l-ġurati setgħu fehmu li l-frażi mingħajr dubju dettat mir-raġuni ma kinitx ekwivalenti għal ċertezza morali. Kwindi anke l-ilmenti kontenuti fil-parti 2.3 tar-rikors ta' appell huma miċħuda.

**22.** L-appellant imbagħad[9] jilmenta li meta l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien qiegħed jindika x-xiehda tax-xhieda, f'ċerti każijiet ta l-opinjoni tiegħu, bħal meta qal: "pero`, dawn l-inkonsistenzi jeżistu kullimkien anke meta tara d-depożizzjoni ta' l-imputat u mqabbla ma' depożizzjonijiet oħra illi saru qabel". L-appellant jgħid li qatt ma kien ta depożizzjoni qabel. Inoltre jilmenta illi ma ġiex spjegat lill-ġurati li huma kienu l-imħallfin tal-fatt.

**23.** Huwa minnu illi l-appellant ma kienx ddepona qabel u kull ma għamel kienet stqarrija lill-Pulizija. Iżda dwar il-kumment fuq "l-inkonsistenzi" din il-Qorti tirreferi għall-paragrafi 17 sa 19 *supra*. Kull kumment ieħor huwa superfluwu. Imbagħad, fl-indirizz tiegħu l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri mhux biss jindirizzahom fis-sens li "huma intom li għandkom diskrezzjoni sabiex tiġġudikaw dwar il-fatti"[10], iżda anke jirreferi għalihom bħala "l-imħallfin tal-fatt"[11]. Għalhekk l-ilmenti msemmija fil-paragrafu 2.4 tar-rikors ta' appell huma respinti.

[9] Numru 2.4 fir-rikors ta' appell.
[10] Paġna 404 tat-traskrizzjonijiet.
[11] Paġna 416 *ibidem*.

**24.** L-appellant imbagħad[12] jgħaddi biex jitkellem dwar dak li jqis bħala rregolaritajiet matul il-kawża li kellhom influwenza fuq il-verdett u li, skond hu, ikkostitwew applikazzjoni u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi. Il-kwistjoni tirrigwarda t-tqassim lill-ġurati ta' l-istqarrija, l-istqarrija ġuramentata u xiehda fl-Istruttorja ta' Simon Xuereb u Emanuel Gauci.

**25.** L-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

**"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra 1-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."**

**26.** Ġaladarba l-artikolu 30A jipprovdi li tali dikjarazzjonijiet ġuramentati jikkostitwixxu prova, l-Ewwel Qorti setgħet korrettement tawtorizza t-tqassim lill-ġurati ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, inkluż l-istqarrijiet lill-Pulizija peress illi fix-xiehda tagħhom quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, l-istqarrijiet ta' Simon Xuereb u Emanuel Gauci nqrawlhom u kkonfermawhom bil-ġurament. Għalhekk dan l-ilment huwa wkoll respint.

**27.** Din il-Qorti sejra issa tittratta l-aggravju illi l-appellant instab ħati ħażin fuq il-fatti tal-każ.[13] Huwa jgħid illi ż-żewġ xhieda li fuqhom il-prosekuzzjoni qed tistrieħ il-każ tagħha huma Simon Xuereb u Emanuel Gauci. Jgħid illi fl-analiżi tiegħu ta' l-istqarrija tagħhom, l-istqarrija ġuramentata, it-testimonjanza fl-Istruttorja u d-deposizzjoni fil-ġuri, huwa juri kif a bażi ta' l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali

[12] Numru 3 fir-rikors ta' appell.
[13] Numru 4 fir-rikors ta' appell.

"leġittimament u raġonevolment it-testimonjanza tagħhom dwar xi fatti tal-każ u fatti konnessi mal-każ rigwardanti l-involviment tal-esponenti ma hux kredibbli." Jgħid ukoll illi dawn id-deposizzjonijiet iridu jiġu nkwadrati fl-aggravji tiegħu rigwardanti l-mod kif l-ewwel Qorti interpretat u applikat l-artikoli 637 u 639(3) tal-Kodiċi Kriminali. Naturalment dwar dawn l-aggravji din il-Qorti diġa` kkummentat *supra*.[14]

**28.** Issa, dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati (salv dak li ntqal *supra*), setgħux legalment u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha.[15] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Eżaminat ukoll bir-reqqa s-sottomissjonijiet dettaljati fir-rikors ta' appell. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet u sejra fl-ewwel lok tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet preliminari:

---

[14] Para. 7 sa 19.

[15] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

(i) Irid jiġi sottolineat li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li jaraw u jisimgħu x-xhieda kollha. B'hekk, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), u wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija.

(ii) Il-ġurati kienu liberi l-ħin kollu illi jivvalutaw il-provi kollha ammissibbli miġjuba. Din il-Qorti wkoll ikkunsidrat il-provi kollha ammissibbli fl-assjem tagħhom.

(iii) L-Imħallef li ppresjeda l-ġuri għamilha ċara lill-ġurati diversi drabi li għal dak li jirrigwarda *hearsay evidence*, dak li xhud jgħid li qallu ħaddieħor jista' jkun prova li ntqal tali diskors iżda mhux prova tal-kontenut. Fl-apprezzament li għamlet din il-Qorti tax-xiehda, hija qieset li l-prinċipju ġenerali li jirregola l-materja ta' *hearsay evidence* jinsab stabbilit fl-artikolu 598(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (reż applikabbli għall-proċeduri kriminali bl-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kap. 9 tal-Liġiiet ta' Malta) fejn jingħad li "bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti." Għal dan il-prinċipju l-liġi stess tagħmel diversi eċċezzjonijiet fl-artikolu 599 ta' l-imsemmi Kap. 12 (ukoll applikabbli għall-proċeduri kriminali kif ingħad) fejn jingħad, *inter alia*, illi "l-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra …." Fl-apprezzament li hija għamlet tal-provi, qieset illi l-ebda eċċezzjoni ma kienet tapplika fil-każ odjern.

(iv) L-appellant jilmenta minn diversi inkonsistenzi fix-xiehda. Irid jingħad, pero`, illi x-xhieda kienu diġa` xehdu drabi oħra u għalhekk wieħed jistenna illi, fejn storja ma tkunx tgħallmet bl-amment, se jkun hemm ċerti inkonsistenzi. Ix-xhieda prinċipali Simon Xuereb u Emanuel Gauci kienu għamlu stqarrija lill-Pulizija, xehdu quddiem Maġistrat Inkwirenti, xehdu fl-Istruttorja u reġgħu xehdu waqt il-ġuri madwar seba' snin wara li kienu xehdu fl-Istruttorja u aktar minn disa' snin u nofs minn meta seħħ il-każ.

**29.** Issa, il-każ tal-prosekuzzjoni jistrieħ prinċipalment fuq ix-xiehda ta' Simon Xuereb u ta' Emanuel Gauci. L-appellant jattakka lil dawn iż-żewġ xhieda minħabba numru ta' inkonsistenzi, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda Simon Xuereb.

**30.** Fir-rigward ta' Simon Xuereb l-appellant jagħmel diversi osservazzjonijiet f'paġni 25 sa 39 tar-rikors ta' appell, u hawn qed issir referenza għalihom. M'hemmx dubju illi bejn id-diversi dikjarazzjonijiet ta' Simon Xuereb hemm numru ta' inkonsistenzi – dwar f'liema stadju jgħid li sar jaf illi l-kontenut ta' l-ewwel pakk kien kokaina; dwar jekk l-appellant kienx miegħu meta "Karmnu" tah l-indirizz ta' l-isqaq[16]; dwar jekk irċeviex l-ewwel pakk mingħand Lawrence Gatt jew xi ħadd li jiġi minnu; dwar jekk rax lil Charlie c-Ciniż jieħu l-pakkett droga li ħeba wara l-ħajt tas-sejjieħ jew jekk kienx dan Charlie ċ-Ciniż li qallu li kien ġabar il-pakkett; dwar ta' x'hiex preċiżament tħallas u kemm; dwar dak li l-appellant kien liebes meta għadda karta lil Lawrence Gatt fl-Isla; dwar x'kienet din il-karta.

**31.** L-appellant jagħmel ukoll diversi mistoqsijiet: jekk għandux mis-sewwa illi importatur tad-droga jistrieħ għall-indirizz fejn ser jasal l-avviż tal-posta fuq biċċa karta li jagħtih Simon Xuereb li hu llitterat[17]; jekk għandux mis-sewwa illi meta Simon Xuereb jiġi mitlub għall-indirizz, ma

[16] Min kellu interess illi tasal id-droga fejn kellha tasal, kellu wkoll l-interess illi l-indirizz tad-destinazzjoni jkun korrett. Għalhekk huwa verosimili li l-indirizz jiġi mitlub mingħand min kien jgħix fl-isqaq.

[17] Għalkemm ma ġiex stabbilit x'wassal biex fl-indirizz jitniżżel ukoll l-indikazzjoni "Clan Stable Lane", il-fatt hu illi l-avviżi mill-posta (għal dak li jirrigwarda t-tieni pakk) eventwalment waslu fejn kellhom jaslu.

jsaqsix lill-appellant għaliex kellu bżonn tali indirizz u x'kien fi ħsiebu jimporta; jekk għandux mis-sewwa illi l-appellant jibgħat lil Simon Xuereb għall-ewwel pakk biex jiġbru mingħand persuna injota fi pjazza fl-4.00 p.m. u kif dil-persuna ssaqsieh jekk ġiex għall-pakk u jwieġeb fl-affermattiv jaqbad u jagħtihulu; jekk għandux mis-sewwa illi Simon Xuereb jieħu dan l-ewwel pakk il-ħanut ta' l-appellant li hu mgħammar b'bieb u vetrina tal-ħġieġ, u li l-appellant jiftaħ dan il-pakk biex joħroġ il-kontenut tiegħu fil-ħanut in pjena vista ta' kull min ikun għaddej; jekk għandux mis-sewwa illi Simon Xuereb iqassam id-droga u ma jkunx jaf diġa` li hija droga; jekk għandux mis-sewwa illi meta l-appellant kien ma' Simon Xuereb fil-pjazza ta' l-Isla biex l-appellant jiltaqa' ma' Lawrence Gatt, Simon Xuereb ma semax x'kien qed jingħad bejn l-appellant u Gatt.

**32.** Iżda dan ifisser li Simon Xuereb kien qiegħed jigdeb, jew li kien qiegħed iħawwad fid-dettalji? Li ma riedx jgħid kollox, jew li verament minn darba għall-oħra ma setax jiftakar id-dettalji preċiżi? Huwa ta' min jinnota illi hekk kif tela' biex jixhed fil-ġuri – jiġi ribadit, aktar min disa' snin u nofs wara l-akkadut – Simon Xuereb talab li jinqralu l-i*statement*: **"Kieku nixtieq nisma' naqra l-istatement għax ilu naqra issa, hux."** In kontro-eżami diversi drabi jindika li l-verita` hi meta għamel l-i*statement*. Nonostante tali inkonsistenzi, Simon Xuereb baqa' dejjem jinsisti illi l-appellant kien involut billi kien hu li talbu jġiblu l-indirizz preċiż ta' l-istalel, li qallu biex meta jirċievi avviżi tal-posta jgħaddihomlu, li bagħtu jiġbor l-ewwel pakk mill-Isla, li rċieva dak il-pakk mingħand Simon Xuereb fil-ħanut tiegħu f'Ħaż-Zebbuġ, li akkompanjah għall-konsenja ta' droga lis-Singis, li bagħtu jikkonsenja pakkett droga lil Charlie ċ-Ciniż, li laqa' mingħand Simon Xuereb iż-żewġ avviżi tal-posta dwar it-tieni pakk, u li akkompanja lill-appellant l-Isla biex, skond l-ewwel verżjoni mogħtija *a tempo vergine* jgħaddi avviż lil Lorry Gatt fl-Isla.

**33.** Skond l-appellant, Simon Xuereb gideb fuqu peress illi meta kien jaħdem f'segretarjat ta' ministru, ma kienx għen sabiex missier Simon Xuereb jakkwista xi permessi għal għelieqi li kellu fl-Iklin u lanqas biex Simon Xuereb

jakkwista permess għal kiosk tas-Sliema. Simon Xuereb bl-ebda mod ma jgħid illi kien hemm xi animożita` anzi jiddeskrivi r-relazzjoni tiegħu ma' l-appellant bħala waħda ta' "ħbieb tal-qalb". L-appellant jirrakkonta illi mar ma' Simon Xuereb biex ifittxu lil Lorry Gatt sabiex dan jikkuntattja lil certu Emanuel Degiorgio li lilu l-appellant kien biegħ zewg *drillers* u li dan Degiorgio kien għadu ma hallsux tagħhom. L-appellant jgħid illi kien Lorry Gatt li kien ħa lil Degiorgio għandu. Mela, jekk Simon Xuereb kellu dik l-animożita` lejn l-appellant, toħroġ waħedha l-mistoqsija jekk huwiex verosimili illi Simon Xuereb se jgħin lill-appellant biex sempliċement jiġbor il-mitejn lira li l-appellant jgħid illi kellu jiġbor.

**34.** Fir-rigward ta' Emanuel Gauci l-appellant jagħmel dawn is-sottomissjonijiet f'paġni 40 sa 47 tar-rikors ta' appell:

"**<u>4.2.a Fatti dwar l-ewwel pakk</u>**

"Jirriżulta mill-provi illi fil-15 ta' Marzu 2001 l-imsemmi Twanny Gatt kien mar fl-uffiċċju tal-posta tal-Marsa, fejn, minflok tkellem mal-uffiċjali postali, mar direttament fuq ħatnu Emmanuel Gauci u wrieh biċċa karta b'isem u indirizz li kien ir-riċevitur ta' pakk postali riċevut. Emmanuel Gauci xehed illi Twanny Gatt qallu illi l-avviż tal-posta, li suppost kien irċieva r-riċevitur tal-pakk imsemmi, kien tilfu.

"Jirriżulta illi dan il-pakk imsemmi kien biss wasal il-posta l-ġurnata ta' qabel u allura l-buon sens imissu ddetta lil Emmanuel Gauci illi ħatnu kien qiegħed jigdiblu għaliex l-avviż tal-pakk lanqas biss kien hemm żmien li jintbagħat. Barra minn hekk irriżulta minn uffiċjali postali li xehedu f'dan il-każ, li meta joħroġ avviż ta' pakk u jiġi impustat, id-*duplicate* tieghu jibqa' mal-pakk in kwistjoni fil-posta. Dan ifisser li Emmanuel Gauci kellu raġuni ohra x'tindikalu li l-avviż tal-posta kien għadu ma ħariġx għaliex il-pakk ma kellux dan id-*duplicate* miegħu.

"Nonostante l-premess, Emmanuel Gauci xehed illi hu ħareġ mill-posta avviż *duplicate* sabiex fuqu, u abbażi tiegħu, seta' jikkonsenja dak il-pakk.

"Il-pakk ġie ghalhekk rilaxxat minn dik il-parti mill-posta u miġjub fil-kamra ta' Emmanuel Gauci bhala uffiċjal tad-dwana. Dana jgħid illi fetaħ ftit il-pakk, daħħal idu qisu *magician*, ħass li kien hemm xi ħaġa iebsa bħal ħadid u reġa' għalaq il-pakk b'*tape* tad-dwana u kkonsenjah lil Twanny Gatt mingħajr biss ma nfurmah kemm kien il-VAT dovut u lanqas irċieva pagament.

"Mill-premess joħroġ altru minn ċar illi Emmanuel Gauci hu kompliċi jekk mhux ukoll assoċjat ma' Twanny Gatt u ħuh f'din il-viċenda illegali.

"**<u>4.2.b Inkonsistenzi dwar pagament tal-VAT</u>**

"Emmanuel Gauci jipprova, dwar dan l-ewwel pakk, ipinġi lilu nnifsu bħala persuna innoċenti li għamel dak li għamel għaliex kien qed jafda lil ħatnu. Din mhix ir-realtà. Fl-ewwel lok, Emmanuel Gauci qatt ma staqsa min kien ir-riċevitur. Emmanuel Gauci jistqarr skont hu, li Twanny Gatt qatt ma kien imur għall-pakki l-posta ħlief meta kien jakkompanja bħala *driver security* xi uffiċjal tal-Freeport fejn Twanny Gatt kien jaħdem. Dan ifisser illi Emmanuel Gauci qatt ma seta' ħaseb li dak li talbu biex jagħmel Twanny Gatt kienet xi ħaġa fil-kors ta xi xogħol tiegħu. Għalhekk, jekk wieħed iħaddem ir-raġuni tiegħu, il-buon sens jiddetta illi jiġi kif jiġi minnu Twanny Gatt, il-bozza mentali ta' suspett kellha tidħol f'moħħu. Diġà ġie aċċennat illi mhux verosimili li Emmanuel Gauci seta' emmen li l-avviż tal-posta għal dak il-pakk kien ħareġ, u kwindi mhux biss hemm s'issa s-suspett fuq ir-riċevitur, iżda wkoll il-konferma li Twanny Gatt, jiġi kif jiġi minnu, kien qed jigdeb.

"Nonostante l-premess, li diġà jagħti stampa storta tas-sitwazzjoni emerġenti, hemm inkonsistenzi kbar fejn u meta Twanny Gatt sar jaf u ħallas tal-VAT.

"Emmanuel Gauci jgħid illi meta kkonsenja l-pakk lil Twanny Gatt, u dan telaq bih, ma kienx tħallas tal-VAT għaliex Gatt ma kellux flus fuqu. Il-buon sens jiddetta illi persuna bħal Twanny Gatt li kien mar biex jiġbor pakk postali, u allura kien jaf li kellu jħallas xi VAT, ma jmurx jesiġi l-ġbir tiegħu mingħajr flus fuqu. Barra minn hekk, 1-ammont kien tlettax-il Lira u mhux xi somma li normaiment bniedem li jmur jiġbor pakk postali ma jkollux fuqu. Għalhekk, anke għal dan id-dettal hu inverosimili illi jiġi emmnut.

"Emmanuel Gauci sabiex jipprova kemm hu kien innoċenti f'din il-viċenda jgħid illi wara nofsinhar kien mar Twanny Gatt u tefagħlu envelope, li fetaħ wara, u kien sab li kellu fih mitt Lira. Dan ifisser illi fuq bażi ta' probabbiltà, skont it-teżi ta' Gauci, lanqas ħariġlu riċevuta dak il-ħin. Bit-teżi ta' Gauci allura qed tibda tingħata stampa kif dan meta rċieva l-*envelope* lanqas kellu kirjanza biex isaqsi dak il-ħin għaliex ingħata seba' u tmenin Lira Maltin (Lm87) żejda u għalhekk jidher biċ-ċar li dan huwa tentattiv ta' bniedem li bil-ħsieb qiegħed iwarrab lilu nnifsu minn responsabbiltà u jipprova jillimita biss ir-responsabbiità tiegħu għal waħda amministrattiva iżda mhux kriminali. It-teżi ta' Gauci tkompli billi meta skopra li kellu seba' u tmenin Lira (Lm87) aktar, xi jiem wara kien iltaqa' ma' Twanny Gatt, jiġbidlu l-attenzjoni dwar dan u l-ieħor qallu 'żommhom' u fil-fatt hu żammhom. Twanny Gatt xehed f'dawn il-proċeduri u jagħti verżjoni dwar il-pagament tal-VAT kompletament u djametrikament opposta. Hu jgħid illi lil Emmanuel Gauci xi erbat ijiem wara li mar jiġbor il-pakk rah għand omm il-mara u tah mitt Lira (Lml00) u meta dan staqsieh għaliex qallu sempliċement biex iżommhom. Jiġi rilevat illi meta Twanny Gatt qal dan, wieħed mill-ġurati staqsieh jekk kienx wara li ħallas lil Emmanuel Gauci u meta wieġbu iva, staqsieh kemm wara u qallu erbat ijiem. Il-ġurat reġa' rrepetielu d-domanda u Twanny Gatt tant kien ċert, li qallu jekk mort għall-pakk l-Erbgħa tajthomlu per eżempju il-Ħadd ta' wara.

"Il-premess, apparti l-inverosimilijanzi tat-testimonjanza ta' Emmanuel Gauci, juru inkonsistenza f'sens mhux biss ta'

nuqqas ta’ korroborazzjoni, iżda ta’ fatt kompletament differenti.

“Ma hemmx dubju wkoll illi l-buon sens jiddetta illi dak li qed jgħid Twanny Gatt hu aktar verosimili. Kieku veru dak li qed jgħid Gauci, li Gatt tah *envelope* fl-uffiċċju tiegħu l-posta tal-Marsa, l-ewwel reazzjoni ta’ riċevitur ta’ somma żgħira ta’ tlettax-il Lira (Lm13) kien li jiftħu, għax wara kollox dawk it-tlettax-il Lira ma kinux tiegħu iżda tad-Dipartiment. Ma hux verosimili anqas illi xi ħadd itik sebgħa u tmenin Lira (Lm87) żejda għaliex fil-pakk ikun hemm *autoparts*, u lanqas ma għandu mis-sewwa illi Gauci ma jkunx staqsa għaliex kien qed itih flus sproporzjonatament żejda għal tlettax-il Lira VAT. Il-premess juri illi kieku l-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali, bir-rispett, kien spjegat f’kull linja gwida tiegħu, allura l-inverosimiljanzi u nuqqas ta’ kredibilità ta’ Gauci kienet diġà tibda toħroġ. Wieħed ifakkar ii għall-ġurati Gauci ma kellux ghalfejn ikun korroborat, b’mod li allura lanqas kienu jafu bil-kawtela biex qabel ma jserrħu rashom fuq it-testimonjanza tiegħu jarbluha sew.

“**<u>4.2.c Il-mod kif Gauci fittex</u>**

“Ma hemmx dubju illi Emmanuel Gauci għażel illi ma jiftaħx il-pakk sew. Il-buon sens jiddetta illi min irid jara x’kien fih dak il-pakk kellu jew jara sew jew inkella jgħid, kif probabbiliment sar, li Gauci lanqas biss fetaħ il-pakk.

“Fuq bażi ta’ probabbiltà Emmanuel Gauci ma fetaħx dak il-pakk għaliex kien jaf illi fih kien hemm xi ħaġa illegali. Hu jipprova jgħatti awwaru billi jgħid li ta fiduċja lil ħatnu u kien għalhekk li ma fetħux sew. Il-buon sens jiddetta li jekk allura kienet il-fiduċja li fuqha strah allura probabbilment ma fetaħ xejn il-pakk.

“Kif intqal, jidher miċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ, illi kien hemm ċertu għaġla biex Twanny Gatt jitlaq ‘il barra b’dak il-pakk għaliex kieku ma kienx hekk meta Gatt ma kienx għadu ħallsu tal-VAT, il-buon sens jgħidlek li probabbilment kellu jgħidlu biex iħalli l-pakk hemm, jiġi aktar tard biex jikkompleta l-proċedura, inkluż il-ħruġ ta’

riċevuta, u jgħaddilu l-pakk aktar tard. Dan ma sarx u hawnhekk leġittimament u raġonevolment wieħed jikkonkludi illi Emanuel Gauci kellu mano in pasta f'assoċjazzjoni ta' xi ħaġa illegali.

"**<u>4.2.d Ir-raġuni għalfejn ingħata mitt Lira (Lm100) — inkonsistenzi</u>**

"Meta Emmanuel Gauci ġie arrestat, jgħid fl-ewwel lok illi ma ftakarx jekk meta fetaħ il-pakk biċċa kif qed jgħid hu kien fih *autoparts*. Lanqas jikkonferma li meta Twanny Gatt tah il-mitt Lira (Lml00) kienu f'*envelope* u allura ma kienx jaf li huma mitt Lira (Lml00). Emmanuel Gauci dwar il-kontenut u l-mitt Lira (Lml00) ħi rċieva jgħid hekk:

"**'Tony tani l-mitt Lira (Lml00) hemm ġew stess. Tahomli fl-uffiċċju li għandi hemmhekk il-posta. Tony qalli li fl-*parcel* kien hemm ftit deheb.**

"**M: Ghalfejn allura tak il-mitt Lira (Lml00)?**

"**R: Tani il-mitt Lira talli mexxejtlu l-*parcel* malajr, peress li huwa kien qalli kien fih id-deheb.'**

"Aktar tard fl-istqarrija jgħid illi hu ma rax deheb fil-pakk. Din l-istqarrija saret fis-26 ta' April 2001.

"Fis-27 ta' April, jiġifieri l-għada, Emmanuel Gauci xehed quddiem il-Maġistrat Inkwerenti. Jikkonferma l-istqarrija tal-ġurnata ta' qabel u wieħed hawnhekk jerġa' jiġi mistoqsi rax deheb u jwieġeb le. B'mod ġenerali ikun utli illi wieħed jifli sew din ix-xhieda ġuramentata anke f'aspetti u fatti oħra liema eżerċizzju l-esponenti jirriżerva li jagħmel oralment.

"Fis-7 ta' Lulju 2003, jiġifieri kważi sentejn u tlett xhur wara, Emmanuel Gauci xehed fl-Istruttorja ta' dan il-każ. Il-każ tiegħu kien għadu mhux deċiż. Fir-rigward tal-kwistjoni tad-deheb jghid hekk:

"**'Wara li nqratli l-istqarrija a fol 115 sa 117 nikkonferma li dik l-istqarrija kont irrilaxxjajtha jiena u**

**kont irrilaxxjajtha quddiem il-Maġistrat Inkwerenti. Jien m'għandi la nżid u lanqas innaqqas minnha. L-unika haġa li rrid niċċara hu illi d-deheb kien issemma fir-rigward it-tieni pakkett żgur mhux rigward tal-ewwel u dan it-tieni pakkett jiena qatt ma rajtu b'għajnejja.'**

"Dan il-kliem juri biċ-ċar kif Emmanuel Gauci qiegħed jipprova jiżvija lill-Qorti. Din ma kinitx kwistjoni li Gauci jiċċara, għaliex id-domandi li sarulu fl-istqarrija u li kkonferma bil-ġurament tiegħu kienu speċifiċi u r-risposti kienu speċifiċi wkoll. Jghid: **'Tony qalli li fil-parcel kien hemm ftit deheb'**, u meta mistoqsi speċifikatament għaliex Tony tah il-mitt Lira jwieġeb, **'peress li huwa kien qalli li kien fih id-deheb'**. Din hi inkonsistenza, bir-rispett, maħsuba. Issa, fid-deposizzjoni tieghu f'din l-Istruttorja jgħid: **'Illi d-deheb kien issemma fir-rigward it-tieni pakkett żgur mhux ta' l-ewwel.'** Wieħed isaqsi għaliex dan il-kambjament? Għaliex issa fis-sena 2003 jrid jakkolla r-responsabbiltà fuq l-esponenti u jghid:

"**'L-imputat kien semma meta kien ġie fil-fergħa li l-pakkett kien jikkontjeni xi kilo deheb perô jien irrepetejtlu li ma kienx hemm pero` kien fil-fergħa tal-Ħamrun. L-imputat qatt ma aċċenna sabiex jien inġiblu dan il-pakkett. Meta semmieli li fil-pakkett kien hemm kilo deheb, jiena għidtlu għamel fattura u mur irtirah.'** ?(punt interrogattiv tal-esponenti)

"Mela issa mhux biss biddilna li d-deheb issemma fit-tieni pakkett, imma minn Twanny Gatt li hu ħatnu poġġejnieh fuq 1-esponenti u poġġejna anke l-użin tiegħu, fatturi ġodda illi jikkontraduċi lilu nnifsu. Naturalment ukoll, Gauci jagħmel hekk biex jixxiftja l-istorja tad-deheb fuq it-tieni pakkett u jerġa' jiddeskrivi lilu u l-aġir tiegħu bl-aktar mod innoċenti u doverużli bagħat lill-esponenti jaderixxi ruħu għall-proċedura legali. B'hekk għat-tieni pakk hu jidher li qed jaqdi dmiru sewwa.

"**<u>4.2.e Ir-riċevuta tal-ewwel pakk</u>**

"Meta wiehed janalizża d-dokument rappreżentanti 1-irċevuta li ħareġ Gauci fuq l-ewwel pakk isib illi l-isem indikat hu Joseph Porteili. Gauci jispjega illi kellu struzzjonijiet li peress li tal-*accounts* ma kinux qed jagħrfu l-isem li jiġi indikat, illi dan jinkiteb *in capital letters*. Jekk wieħed jara din l-irċevuta, 1-isem Joseph Portelli ma hux *in capital letters*. Għalkemm dan il-fatt huwa ċar, Gauci jibqa' jinsisti li għalih dawn *capital letters*. Id-difiża titlob ii Gauci jikteb fuq biċċa karta l-isem "Joseph Portelli" *in capital letters* fejn allura deher ferm aktar ċar li dak li kien qed jgħid ma kinitx il-verita`. L-isem Joseph Portelli tidher qisha firma. Gauci ovvjament jaf li jekk jiddeskrivi dik bħala firma ikun ħati ta' delitt ta' falsifikazzjoni.

"Jekk wieħed jisma' u jaqra l-indirizz tal-Ewwei Qorti, mhux biss dik il-Qorti ma spjegatx li dwar fatti l-ġurija hija suprema, iżda ppruvat tagħti 1-opinjoni tagħha dwar dan il-fatt billi tissimplifika l-portata tal-istess inverosimiljanza. Il-Qorti qalet illi wara kollox Gauci kien qal li 1-isem kien importanti biex jintgħaraf mid-dipartiment tal-*accounts* u kwindi 1-isem hu deċifrabbli u jekk inkitibx *capital letters* jew le ma kellux importanza. Fl-umili fehma tal-esponenti, 1-Onorabbli Qorti Kriminali nsiet issemmi illi ufficjali li jaħdmu l-posta l-Marsa xehedu li dik kellha tkun firma u mhux isem *in capital letters*.

"Għaldaqstant, leġittimament u raġonevolment din hija inkonsistenza oħra f'sensiela ta' inkonsistenzi u inverosimiljanzi, illi kieku l-ġurija keliha l-kuncett ta' kawtela mpoġġi quddiemha kif kellu jkun, żgur illi anke mingħajr il-posizzjoni legali li ma hemmx bżonn korroborazzjoni, ix-xhieda ta' Gauci ma tistax tistrieħ fuqha.

"**<u>4.2.f Emmanuel Gaul b'riferenza qhall-esponenti dwar it-tieni pakk</u>**

"Meta wieħed janalizża sew l-istqarrija lill-pulizija ta' Emmanuel Gauci malajr jinduna illi hu mhux ftakar l-indirizz li kien hemm imniżżel fl-avviż sua sponte, iżda kienet il-pulizija li wrietu l-avviż u allura seta' jara l-kliem *'Joe Portelli, 2, Clan Stable Lane, Race Course Street,*

*Marsa.’* Meta għamel allegazzjoni fatt kontra l-esponenti jgħid illi dan kien ġie l-parcel post office **‘kiteb 1-isem Joe Protelli u xi indirizz fejn fost kliem ieħor kien hemm il-kelma stables.’** Jgħid illi **‘jista’ jkun’** illi lill-esponenti kellmu f’żewġ okkażjonijiet **‘u kien offrieli xi flus ħalli noħroġlu l-pakkett. Offrieli xi flus u jidhirli li qalli naħseb fik. Jiena perô ma ħadt l-ebda flus dakinhar. Jien perô għidtlu li ma stajtx noħroġlu l-parcel għax kien qiegħed il-Ħamrun.’**

“Meta xehed fl-Istruttorja ta’ dan il-każ l-ewwel jgħid:

“**‘<u>Jiena jidhirli sakemm nista’ niftakar</u> li l-avviż kien isemmi lil Joe Portelli u l-indirizz <u>safejn niftakar</u> kienu xi stalel f’Race Course Street Marsa.’** (sottolinear tal-esponenti).

“Mela mhux biss fl-istqarrija ftakar l-indirizz għax urewh l-avviż, iżda anke f’din id-deposizzjoni ma jitkellimx b’mod kategoriku u juża l-kliem hawn fuq sottolineat illi ma jindikax ċertezza. Ovvjament Gauci kien qed jilgħabha tal-fidil, għaliex dan l-indirizz min jaf kemm kien semgħu kemm waqt l-investigazzjoni tiegħu tal-pulizija, sew fix-xhieda ġuramenta fl-inkjesta u sew fil-kumpilazzjoni tal-każ tiegħu. Minħabba fil-każ tiegħu hu kien altru minn edott minn dak li kien qal diġà lill-pulizija u dak li sema’ fl-istruttorja biex jerġa’ jtenni, anke din id-darba, li meta kellmu 1-esponenti kien kiteb fuq biċċa karta l-isem Joe Portelli bl-indirizz li kien isemmi xi stalla perô din id-darba jżid anke “Race Course Street Marsa”.

“Kif diġà ntqal f’din id-deposizzjoni ta’ Gauci f’dan il-każ idaħħal għall-ewwel darba l-kwistjoni tad-deheb perô f’dan il-fatt ġdid jgħid ukoll hekk:

“**‘L-imputat qatt ma aċċenna sabiex jiena nġiblu dan il-pakkett.’**

Kif ukoll:

“**‘Mistoqsi jekk l-imputat offrilix xi flus ngħid li ma jidhirlix.’**

Issa fl-istqarrija tiegħu lill-pulizija, kif anke wkoll wara konfermata bil-ġurament, jgħid:

**"'...u kien offrieli xi flus halli noħroglu l-pakkett. Offrieli xi flus...'.**

"Mela hawnhekk insibu illi *a tempo vergine* qed jgħid li offrielu l-flus u qed jgħid li talbu joħroġlu l-pakkett, mentri jerġa' jkun inkonsistenti fid-deposizzjoni ta' aktar tard u jgħid 1-oppost.

"L-istess jingħad dwar il-biċċa karta li Gauci jgħid li l-akkużat kiteb fuqha u drabi oħra jgħid ħarbex xi ħaga fuqha.

"Il-buon sens jiddetta illi meta persuna qed ikellmek m'għandux bżonn iħarbixlek fuq karta, u jkompli jiddettalek illi dak li jinkiteb jibqa' fid-dinja – *verba volant scripta manent* – għalhekk hu għal kollox inverosimili dak li qed jgħid Gauci biex jipprova jimplika lill-esponenti.

Il-buon sens ikompli jgħid illi jekk l-esponenti, skont it-teżi tal-prosekuzzjoni, kien assoċjat ma' nies oħra fosthom Lorry Gatt, x'assoċjat ikun jekk lanqas ma kienx ġie infurmat li Twanny Gatt rigward dan it-tieni pakk kien diġà mar ikellem lil Gauci u qallu li l-pakk kien il-Hamrun? Gauci wara kollox ma kienx jaħdem il-posta iżda d-dwana, u allura ma kellu l-ebda saħħa fuq il-fergha ta' posta, li tiġi dipartiment ieħor, fil-Hamrun. Skont Gauci, l-esponenti ma qallux biex joħroġlu l-pakk u allura l-buon sens ikompli jiddetta x'kien 1-iskop li mar ikellmu?

"Leġittimament u raġonevolment meta l-pulizija probabbilment informat lil Gauci li għand Norman Bezzina kienet instabet kitba bin-numru tad-dar tiegħu, sabiex hu joħroġ kompletament innoċenti dwar it-tieni pakk, uża l-argument li l-esponenti pprova jikkorrompih iżda hu baqa' sod u għamel id-dover tiegħu billil anke vvinta l-istorja ta' kilo deheb.

“**<u>4.2.g Emmanuel Gauci u Twanny Gatt dwar it-tieni pakk</u>**

“Skont il-provi jirriżulta illi Twanny Gatt rigward it-tieni pakk kien mar b’avviż tal-posta ikellem lil Emmanuel Gauci. Ilrriżulta minn Twanny Gatt illi hu jaf jaqra u allura fuq l-avviż tal-posta kien hemm indikat bl-aktar mod ċar li l-pakk kien fil-fergħa tal-posta tal-Hamrun. Leġittimament u raġonevolment wieħed isaqsi mela għalfejn Twanny Gatt kellu għalfejn imur għand Gauci meta kien jaf li l-pakk ma kienx il-Marsa? Skont Gauci jerġa’ jkompli jilgħabha tal-fidil sabiex jallontana ruhu minn kull responsabbiltà dwar dan it-tieni pakk billi juri li qal lil Twanny Gatt b’dak li hu ovvju u li kien jidher fuq l-avviż tal-posta. B’hekk juri illi ma kienx għamel dak li forsi persuna oħra innoċenti kienet tagħmel, li ċċempel il-Hamrun u tgħidlu ‘isma’ ġej ħatni b’avviż tal-posta biex jiġbor pakk.’

“Hawnhekk għalhekk insibu illi għat-tieni darba Gauci jivvinta sitwazzjonijiet inverosimili biex joħroġ pulit u nadif.

“Il-premess juri illi leġittimament u raġonevolment tenut kont dan kollu, l-ġurija, kieku indirizzata, bir-rispett, korrettement, ma kellhiex issib lill-esponenti ħati tal-akkużi addebitati kontrih. Dan il-verdett ghalhekk la hu *safe* u lanqas *satisfactory*.”

**35.** Wara li din il-Qorti kkunsidrat dawn l-argumenti li ressaq l-appellant u eżaminat ix-xiehda li Emanuel Gauci ta f’diversi okkażjonijiet, hija tal-fehma illi jista’ jkun minnu illi Emanuel Gauci pprova jidher innoċenti daqs kemm jista’ jkun minnu illi *he let his guard down* meta quddiemu sab lil ħatnu.

**36.** Kwantu għall-inkonsistenzi senjalati mill-appellant, din il-Qorti tirreferi l-ewwelnett għal dak li ntqal *supra* f’paragrafu 28(iv). M’hemmx dubju illi hemm diskrepanzi bejn ix-xiehda ta’ Emanuel Gauci u ta’ Twanny Gatt dwar il-mument li fih Emanuel Gauci ħadem l-ammont ta’ dazju u VAT u dwar il-mument li fih Twanny Gatt għadda lil Gauci l-Lm100. Imbagħad, kwantu għall-irċevuta dwar l-ewwel pakk fejn l-isem “Joseph Portelli” mhuwiex miktub

*in capital* letters, mentri Emanuel Gauci insista waqt il-ġuri li kienet *in capital letters*, fil-fehma ta' din il-Qorti din mhijiex kwistjoni li għandha xi portata fuq jekk għandux jitwemmen fuq dak li ġara fir-rigward tat-tieni pakk. Difatti fir-rigward ta' l-ewwel pakk Gauci ma semma lill-appellant fl-ebda istanza.

**37.** Wieħed jista' jgħid illi hemm diskrepanza wkoll dwar meta ġie mgħarraf li kien hemm id-deheb jekk hux fir-rigward ta' l-ewwel pakk jew fir-rigward tat-tieni pakk ukoll, għalkemm huwa kien ikkorreġa lilu nnifsu minn rajh f'dar-rigward. Din il-Qorti ma tarax kif seta' akkolla aktar responsabbilta` fuq l-appellant meta fl-Istruttorja Gauci xehed li l-appellant semmielu li t-tieni pakk kien fih xi kilo deheb. Qallu x'seta' qallu l-appellant, il-punt kruċjali hu jekk l-appellant fil-fatt marx il-*Parcel Post Office* biex jitlob it-tieni pakk mingħand Emanuel Gauci.

**38.** Ċertament tidher imbagħad ftit diskrepanza dwar id-diskors li Emanuel Gauci jsostni li qallu l-appellant. Filwaqt illi fl-istqarrija, kif konfermata bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, jgħid li l-appellant offrielu xi flus biex joħroġlu l-pakk, **"u jidhirli qalli naħseb fik"**, fl-Istruttorja qal li l-appellant qatt ma aċċenna sabiex iġiblu l-pakk u meta mistoqsi jekk offrielux flus wieġeb: **"ma jidhirlix"**. Pero` fl-Istruttorja kkonferma li l-appellant **"kien qalli xi kliem li jieħu hsiebi"**. Meta xehed waqt il-ġuri Emanuel Gauci reġa' sostna dwar l-appellant: **"Hu mingħalija qalli nieħu ħsiebek ta ...."** Jiġifieri Emanuel Gauci baqa' dejjem konsistenti f'dan id-diskors, cioe` li l-appellant qallu li jieħu ħsiebu.

**39.** Dwar li l-*buon sens* jiddetta li persuna li tmur tkellmek m'għandhiex għalfejn tħarbixlek fuq biċċa karta u dwar li l-*buon sens* jiddetta illi jekk kien diġa` mar Twanny Gatt u Emanuel Gauci kien qallu li ma setax joħroġlu l-pakk mill-Hamrun u allura x'bżonn kien hemm li jmur l-appellant, hawn qegħdin fir-relm tal-konġettura. Difatti anke l-prosekuzzjoni kkonġetturat illi dan seħħ sabiex l-appellant ma jinvolvix aktar nies u forsi jipperswadi lil Emanuel Gauci joħroġlu l-pakk. Il-konġettura mhijiex prova u għalhekk kull kumment ieħor huwa superfluwu.

**40.** Issa, ġaladarba Emanuel Gauci kien diġa` qal illi ħatnu Twanny Gatt kien saqsieh għall-pakk, x'raġuni seta' kellu Emanuel Gauci biex jimplika wkoll lill-appellant jekk mhux għax verament l-appellant mar jitloblu t-tieni pakk? L-appellant jissuġġerixxi li r-raġuni tirrisali għal meta kemm hu kif ukoll Emanuel Gauci kienu jaħdmu fis-segretarjati ta' żewġ ministeri differenti u l-appellant kien irrefera lment ta' kostitwenta fuq Gauci lill-Ministru tiegħu li mbagħad kellem lill-Ministru ta' Gauci. Jgħid illi hu u Gauci kienu ltaqgħu f'xi okkażjoni u Gauci qallu "meta jkollok xi ħaġa hekk għid lili, mhux tgħid lill-Ministru." Dan kien diversi snin qabel il-każ in kwistjoni. Emanuel Gauci jiċħad kategorikament li kien hemm dan l-inċident. Fi kwalunkwe każ, anke kieku stess kien hemm tali inċident, din il-Qorti ma tqisx verosimili illi wara tant snin, f'daqqa waħda jimplika lill-appellant b'sens ta' tpattija. Stranament ukoll, nonostante illi l-appellant jirrakkonta dan l-inċident, l-ispjegazzjoni li ta dwar biċċa karta li ġiet elevata mill-Pulizija mid-dar tiegħu li fuqha kien hemm isem Emanuel Gauci bl-indirizz tiegħu, hi li l-Ministru tiegħu kien talbu jsib xi nies biex jgħinuh biex jikkompeti għall-post ta' kap tal-partit, u fost in-nies li ndika kien proprju Emanuel Gauci.

**41.** L-appellant isostni illi hemm numru ta' ċirkostanzi li huma biss koinċidenzi. Din il-Qorti tagħmel dawn il-mistoqsijiet dwar fatti riżultanti mill-provi u li huma mistoqsijiet li wisq probabbli l-ġurati għamlu lilhom nfushom:

- kienet koinċidenza illi l-appellant mar il-Kanada ftit żmien biss qabel ma ġew spediti ż-żewġ pakki bid-droga?

- kienet koinċidenza illi Simon Xuereb u Emanuel Gauci li ma jirriżultax li kienu jafu lil xulxin isemmu lill-appellant?

- kienet koinċidenza illi l-avviż ta l-10 ta' April 2001 li nġabar minn Simon Xuereb dakinhar stess, illi proprju l-għada Xuereb u l-appellant marru jiltaqgħu ma' Lawrence Gatt l-Isla kif jidher fil-video meħud mill-Pulizija u mil-liema video l-appellant jidher li qiegħed jgħaddi xi ħaga lil

Lawrence Gatt, u illi fit-12 ta' April 2001 Twanny Gatt mar għand Emanuel Gauci biex jipprova jiġbor dan il-pakk?

- kienet koinċidenza illi fuq it-tieni pakk ġie indikat bħala l-mittent tat-tieni pakk persuna bl-isem ta' "Norman"? Difatti fuq il-karta uffiċjali hemm l-isem "Norman Borg" u miktub fuq naħa oħra tal-pakk f'ittri kapitali "FROM NORMAN"?

**42.** L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma daħlitx fid-dettal dwar l-inkonsistenzi ta' Simon Xuereb u Emanuel Gauci iżda mbagħad qalet li kien hemm inkonsistenzi bejn l-istqarrija u x-xiehda ġuramentata tiegħu.

**43.** Din il-Qorti tosserva li meta l-appellant kien qiegħed jagħmel l-istqarrija tiegħu saru dawn il-mistoqsijiet:

**"M: U jekk ngħidlek li inti fil-11 ta' April 2001 għaddejt l-ewwel avviż tal-posta lil Lorry Gatt meta inti kont qiegħed ma' Simon Xuereb ħdejn il-Knisja tal-Isla, xi tgħid?**
**"R: Zgur li le, lanqas biss ma ersaqt lejn il-Knisja ta' l-Isla fil-11 ta' April 2001.**
**"M: Kemm ilek ma tersaq lejn l-Isla?**
**"R: L-aħħar li mort kien il-bieraħ filgħodu. Mort waħdi nistenna lil Lorry ħiereġ minħabba l-flus. Il-bieraħ mort darba. It-Tnejn mort infittex fil-għaxija u ma sibtux.**
**"M: U jekk nerġa' ngħidlek li fil-11 ta' April 2001 inti għaddejt karta lil Lorry Gatt, xi tgħid?**
**"R: Mhux vera. Le, ma jistax ikun."**

U wara li ġie muri l-video li kien ittieħed mill-Pulizija:

**"M: Qed nurik filmat miġbud mill-Pulizija fil-11 ta' April 2001, fejn inti tidher qed tagħti karta lil Lorry Gatt meta inti kont flimkien ma' Simon Xuereb. Xi tgħid issa, meta ftit ilu għidtli li żgur li ġmaħ kontx hemmhekk?**

**"R: Ma nafx jekk kienx Simon Xuereb miegħi.[18] Ma għaraftux. Ma nafx, ma ftakartx, ma nafx. Id-data irrilevanti."**

**44.** Waqt il-ġuri xehed illi dak li għadda lil Lorry Gatt kienet karta bin-numri tat-telefon tiegħu sabiex jekk jara lil Emanuel Degiorgio jtihomlu biex iċempillu.[19] Huwa minnu illi fir-residenza ta' Lorry Gatt instabet karta bin-numri ta' l-appellant, iżda nstabet ukoll kopja ta' l-avviż tal-posta dwar it-tieni pakk. Mistoqsi kienx ikun aktar sempliċi li kieku qal lill-Ispettur investigattiv li dak li għadda kienet karta bin-numri tat-telefon, wieġeb: "tant kont imbeżżża', tant kont ippanikjat, tant kont terroriżżat illi lanqas tibda taf xi tgħid u x'tirrispondi dak il-ħin. Dak il-ħin tipprova twitti l-affarijiet bl-aħjar li tista', bil-biża' kollu u ma tirrealiżżax." Il-Qorti tifhem illi bniedem li jkun taħt arrest u qiegħed jiġi investigat jista' jkun aġitat u mbeżżża', iżda jekk m'hemm xejn x'jaħbi allura m'hemm xejn x'jitwitta!

**45.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-ġurati setgħu legalment u raġonevolment jemmnu lil Simon Xuereb u lil Emanuel Gauci dwar l-involviment ta' l-appellant.

**46.** Aggravju ieħor ta' l-appellant hu fejn jgħid illi l-att ta' akkuża għandu ċertu anomaliji. Jgħid illi bil-mod kif inhu redatt l-att ta' akkuża, għalkemm fl-ewwel żewġ Kapi qiegħed jindika perijodu illi jista' jolqot iż-żewġ allegati pakki, il-perijodu ndikat fit-Tielet Kap ma jkoprix la l-allegata wasla tal-ewwel pakk u lanqas l-allegat pussess tad-droga fl-ewwel pakk da parti tal-esponenti. Il-perjodu indikat fit-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuża u cioè bejn il-31 ta' Marzu 2001 u t-23 ta' April 2001, semmai, jista' jkopri biss il-pussess kostruttiv tad-droga fit-tieni pakk. Dan ifisser, isostni l-appellant, illi għar-rigward it-Tielet Kap, dak kollu li jixhed Simon Xuereb dwar l-allegat pussess materjali tad-droga rigwardanti l-ewwel pakk ma ghandu l-ebda valur probatorju għall-eżami ta' htija o meno taħt it-Tielet

---

[18] P.S. 579 Antoine Micallef li ħa l-video kkonferma li l-persuna ma' l-appellant kienet Simon Xuereb.

[19] Naturalment aktar kien jagħmel sens illi jitlob lil Lorry Gatt jipprovdilu n-numru ta' Degiorgio biex l-appellant ikun jista' jikkuntattjah.

Kap. Għalhekk, skond l-appellant, dawn l-anomaliji ipoġġu lill-ġudikant tad-dritt f'sitwazzjoni illi ma jafx jekk il-ġurija sabitx ħtija, taħt l-ewwel żewġ Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, rigwardanti l-ewwel pakk jew it-tieni pakk jew inkella tat-tnejn. L-appellant jissottometti ukoll illi ma kien hemm l-ebda prova ta' pussess fit-tifsira tal-liġi dwar id-droga fit-tieni pakk.

**47.** Fil-fehma ta' din il-Qorti il-verdett tal-ġurati kien ċar – ħtija skond it-tliet Kapi ta' l-Att ta' Akkuża. Mela ġaladarba l-ewwel żewġ Kapi kienu jolqtu ż-żewġ pakki, allura l-ħtija kienet fir-rigward tagħhom it-tnejn. Dwar it-Tielet Kap, stante li d-data kienet speċifikament għall-perijodu "bejn il-31 ta' Marzu u t-23 ta' April 2001" – u fis-sentenza appellata ġie fil-fatt dikjarat ħati ta' pussess "aggravat" għal dak il-perijodu – il-pussess kien fir-rigward tat-tieni pakk. Mill-provi fil-fatt jirriżulta illi l-ewwel pakk inħareġ mil-posta fil-15 ta' Marzu 2001 u mix-xiehda ta' Simon Xuereb jidher illi l-pakketti li kien hemm fl-ewwel pakk kienu diġa` tqassmu sal-31 ta' Marzu 2001. Kwantu jekk jistax jingħad illi kien hemm il-pussess, ġaladarba it-tieni pakk (ossia, id-duplikat li kien sar għall-finijiet tal-*controlled delivery*) kien ittieħed mill-posta, għalkemm l-appellant ma kellux il-pussess fiżiku tiegħu, jista' jingħad illi kellu l-pussess kostruttiv.

**48.** L-appellant jgħid ukoll illi l-elementi legali ta' assoċjazzjoni ma ġewx pruvati mingħajr dubju dettat mir-raġuni u dan peress illi ma ġewx ippruvati fil-grad rikjest mil-liġi li kien hemm ftehim speċifiku dwar assoċjazzjoni fuq droga li fiha huwa kellu parti bil-mod kif tiddeskrivi l-liġi.

**49.** Din il-Qorti diversament komposta tkellmet hekk dwar l-assoċjazzjoni fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Novembru 2009 fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Steven John Lewis Marsden**:

**“11.** In the Godfrey Ellul case[20] mentioned by appellant, this Court had referred to what is said in **Archbold’s Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** in respect of conspiracy**:**

**‘The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: *Mulcahy v. R*. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; *R. v. Warburton* (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; *R. v. Tibbits and Windust* [1902] 1 K.B. 77 at 89; *R. v. Meyrick and Ribuffi*, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: *O’Connell v. R.* (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1.** [21]

**….**

**‘The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: *R. v. Parsons* (1763) 1 W.Bl. 392; *R. v. Murphy* (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a ‘matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them’: *R. v. Brisac* (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval i*n Mulcahy v. R.* (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317.’** [22]

**“12.** In the Godfrey Ellul case this Court had not stated that this is the position under Maltese law. However it is in agreement with what is stated therein as it is quite clear from the said quotation that evidence of a conspiracy is <u>not necessarily</u> or <u>only</u> derived by inferring it from criminal acts of the parties involved. Indeed, a conspiracy may exist <u>even though there is no subsequent criminal activity</u>, that is to say even though the agreement to deal in any manner in a controlled substance <u>is not followed by some</u>

---

[20] **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Godfrey Ellul**, decided by this Court on the 17th March 2005.
[21] See para. 33-4, page 2690.
[22] *Op. cit.* Para. 33-11, page 2692.

commencement of execution of the activity agreed upon[23]. In such circumstances it is obvious that no inference can be drawn from criminal acts because there are no criminal acts subsequent to the conspiracy itself. Indeed the quotation from Archbold clearly states that a conspiracy may also be proved 'in the usual way' – so by means of direct evidence and/or circumstantial evidence which must be univocal, that is to say, that cannot but be interpreted as pointing towards the existence of a conspiracy. Unfortunately defence counsel misinterpreted that quotation and wrongly submitted that proof of the existence of a conspiracy has to be deduced or inferred from the criminal acts of the parties, and even seems to have led the first Court to understand that that was the conclusion to be derived from the Godfrey Ellul case. This is clearly incorrect. As one finds stated in the 2008 Edition of **Blackstone's Criminal Practice** [24]

---

[23] See also **The Republic of Malta v. Steven John Caddick et** decided by this Court on the 6th March 2003 wherein it was stated: "… although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy. Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."

[24] OUP, p. 99, para. A6.24.

**"There are no special evidential rules peculiar to conspiracy. In *Murphy* (1837) C C & P 297, proof of conspiracy was said to be generally 'a matter of inference deduced from certain criminal acts of the parties accused', but there is no actual need for any such acts, and conspiracies may also be proved, *inter alia*, by direct testimony, secret recordings or confessions…".**

**"13.** This appears to be also the position in Scots law. Professor Gerald Gordon, in his standard text **The Criminal Law of Scotland** [25] makes reference to the dictum of Lord Avonside in ***Milnes and Others*** (Glasgow High Court, January 1971, unreported) to the effect that "you can have a criminal conspiracy even if nothing is done to further it", adding that, indeed, this is the very essence of conspiracy[26]."

**50.** Fil-każ in eżami l-assoċjazzjoni teżisti. Sar ftehim bejn l-appellant u Simon Xuereb sabiex jintuża l-indirizz ta' l-istalel tal-familja Xuereb biex hemm jintbagħtu l-avviżi tal-posta tal-pakki li kellhom jiġu mill-esteru. Iż-żewġ pakki waslu Malta u l-kontenut ta' l-ewwel pakk imbagħad tqassam mill-appellant u Simon Xuereb. Jiġifieri dan huwa każ fejn *the agreement was followed by subsequent criminal activity*.

**51.** Rigward it-tieni Kap, cioe` importazzjoni, l-appellant jgħid illi anke jekk għall-grazzja tal-argument, u għall-grazzja tal-argument biss, jiġi emmnut Emmanuel Gauci li huwa mar ikellmu dwar dan il-pakk, din ma hix prova li huwa daħħal dak il-pakk ġo Malta hu. Li tista' semmai turi illi l-involviment tiegħu kien wara li l-pakk iddaħħal Malta u allura ma hemmx il-prova li hu kien l-awtur jew b'xi mod kellu *a common design* dwar din l-importazzjoni.

**52.** Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. L-ewwelnett ma jistax jiġi skartat dak li xehed Simon

---

[25] W. Green & Son Ltd. (Edinburgh), 1978, p. 203.

[26] See also the judgement of this Court of the 23 October 2008 in the names **The Republic of Malta v. John Steven Lewis Marsden**.

Xuereb. Imbagħad meta l-appellant mar isaqsi lil Emanuel Gauci għat-tieni pakk, dan għamlu għax kellu interess illi l-kontenut tiegħu jiddaħħal f'Malta. Difatti eventwalment it-tieni pakk irnexxielu jinħareġ mill-posta tal-Hamrun.

**53.** Fl-aħħarnett l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti spjegat l-elementi ta' dawn id-delitti kważi fl-ahhar meta kienet iddisponiet mill-parti dwar il-fatti. Jilmenta li l-Ewwel Qorti ma daħlet bl-ebda mod sabiex tispjega l-element ta' żmien u sabiex taghmel distinzjoni dwar htija tal-ewwel jew it-tieni pakk.

**54.** Għalkemm huwa minnu li l-ewwel Qorti m'għamlitx tali distinzjoni, il-provi juru illi l-ġurati setgħu legalment u raġonevolment jilħqu l-verdett mogħti, u cioe` fil-parametri ta' żmien indikat fl-Att ta' Akkuża.

**55.** L-aħħar aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis eċċessiva. Huwa jgħid:

"Jidher illi l-Qorti bbażat il-piena fuq każijiet oħra illi setgħu ġew deċiżi qabel. Bir-rispett pero`, dawn 1-istess każijiet ma kinux identiċi; f'uħud minnhom kien hemm l-addebitu tar-reċidiva, u f'uħud oħra delitti addizjonali li bihom l-esponenti odjern ma kienx akkużat. Di piu`, tenut kont is-sentenza ta' disa' snin priġunerija mogħtija lil Simon Xuereb meta kien akkużat ukoll, apparti t-tliet imputazzjonijiet odjerni, bi traffikar ta' droga u kien reċidiv, ma turix uniformità stante illi dan ma ammettiex l-akkużi tiegħu fi stadju bikri tal-proċeduri li ttieħdu kontrih."

**56.** Il-prinċipju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt ingħatat[27].

[27] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**57.** Fil-każ in eżami l-piena massima ta' priġunerija kienet ta' għomor. Difatti l-piena mitluba fl-Att ta' Akkuża kienet dik ta' priġunerija għall-għomor u multa ta' mhux inqas minn elf liri Maltin (illum, elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu) iżda mhux iżjed minn ħamsin elf liri Maltin (illum, mija u sittax-il elf erba' mija u disgħa u sittin euro). Fil-każ in eżami huwa ovvju illi l-Qorti Kriminali ma qisitx illi kellha tingħata l-piena ta' priġunerija għall-għomor, għalkemm ma qalitx hekk *expressis verbis* fis-sentenza. Il-fatt illi applikat piena determinata, pero`, ifisser illi l-piena ta' priġunerija applikabbli kienet dik ta' minimu ta' erba' snin u massimu ta' tletin sena. Dan ifisser illi l-piena mogħtija hi sew fil-parametri tal-liġi.

**58.** Ingħad diversi drabi li l-paraguni huma odjużi. Difatti l-piena ta' priġunerija fir-rigward ta' Simon Xuereb kienet dik patteġġjata bejn l-appellant u l-Avukat Ġenerali, salv għall-multa.[28]

**59.** Inoltre hawn si trattava ta' ammont sostanzjali ta' kokaina li ġiet importata f'Malta, parti li kienet diġa` tqassmet u parti li ġiet interċettata. Dik interċettata fil-fatt kienet tikkonsisti fl-ammont ta' 2,223.3 grammi ta' purita` ta' madwar 30%.

**60.** Għalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-każ li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżercitata f'dak li huwa l-quantum.

**61.** Fl-aħħarnett l-appellant josserva illi kwantu għall-ħlas tal-ispejjeż peritali, dawn il-perizji intużaw fil-proċeduri kontra Rueben Scicluna, Charles Cassar, Mark Cassar, Emmanuel Gauci u Simon Xuereb. Jgħid li, apparti dan, dawn l-istess perizji ser jiġu utilizzati fil-proċeduri pendenti kontra Twanny Gatt u Lorry Gatt. Ghalhekk, isostni l-appellant, ma hux ġust illi jiġi akkollat iħallas dawn l-ispejjeż fl-intier tagħhom.

**62.** Dan l-aggravju mhuwiex qiegħed jiġi milqugħ, salv illi jekk jirriżulta lir-Reġistratur illi jekk xi ħadd mill-persuni

[28] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Simon Xuereb**, 20 ta' Mejju 2009.

msemmija ġie kkundannat għall-ħlas ta’ l-ispejjeż in kwistjoni jew ta’ parti minnhom, l-ammont li l-appellant ġie kkundannat iħallas għandu jiġi ridott b’tali ammont.

**63.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, salv dak li ntqal fil-paragrafu 62 dwar l-ispejjeż peritali, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b’dan illi tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex sa żmien ħmistax-il ġurnata millum jippreżenta nota li fiha jiddikjara jekk xi ħadd mill-persuni ndikati mill-appellant ġewx ikkundannati jħallsu xi parti mill-ispejjeż peritali in kwistjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------